**13 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

J G

*versus*

A G

## Annulament ta' Żwieġ - Vjolenza Morali - Żwieġ Iċċelebrat qabel l-1975

*Iż-żwieġ ġie ċċelebrat qabel ma daħlet in vigore l-leġislazzjoni ta' l-1975 u ma sarux il-provi li jissodisfaw l-elementi rikjesti fil-liġi kanonika biex żwieġ f'dawn iċ-ċirkostanzi jista' jiġi ddikjarat null.*

*Il-Qorti ma qablitx illi kien hemm pressjoni familjari morali jew soċjali tant qawwija illi jista' jingħad illi affettwat negattivament il-kunsens mogħti mill-attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provedimenti opportuni;

Premess li l-partijiet iżżewġu fis-17 ta' Frar, 1973 fil-Knisja ta' San Lawrenz il-Birgu (Dok. A);

U billi fis-26 ta' Frar, 1973 twieldet tarbija (Dok. B);

U billi l-kunsens ta' l-attriċi għal dan iż-żwieġ kien ivvizzjat bi pressjoni familjari, morali u soċjali li jammontaw għall-vjolenza morali kif ikkontemplat fl-artikolu 19 (1) (a) ta' l-Att li Jirregola ż-Żwieġ (Att XXXVII ta' l-1975) u inoltre l-istess kunsens kien ivvizzjat ukoll *ai termini* ta' l-artikolu 19 (1) (f) b'esklużjoni ta' wieħed mill-elementi essenzjali taż-żwieġ;

U billi l-partijiet huma separati (dok. C);

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeċidi u tiddikjara illi ż-żwieġ bejn il-partijiet tas-17 ta' Frar, 1973 fuq imsemmi kien null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

*Omissis*;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eċċepixxa li preliminarjament iċ-ċitazzjoni kienet nulla stante li t-talbiet fiha kkontenuti ma kinux innumerati u illi sussegwentement u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet attriċi kienu nfondanti fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess attriċi żżewġet lill-konvenut minn jeddha u ma kienet mhedda minn ħadd u bl-ebda mod ma ġiet sfurzata. Illi għalhekk iż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa validu u bla preġudizzju għal dak li ntqal, il-liġi applikabbli għall-każ mhix l-Att ta' l-1975 stante li ż-żwieġ in kwistjoni ġie ċċelebrat qabel u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi u għamel ukoll riserva għal eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi ppreżentat din iċ-ċitazzjoni biex il-Qorti tiddikjara null u bla effett iż-żwieġ li hija kkuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Frar, 1973; hija bbażat id-domanda tagħha fuq l-allegazzjoni li l-kunsens tagħha kien ivvizzjat minħabba vjolenza morali a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (a) ta' l-Att dwar iż-Żwieġ u anke b'nuqqas tas-subartikolu (f) ta' l-istess artikolu;

*Omissis*;

Illi l-attriċi ppruvat tagħti stampa tagħha nnifisha bħala tifla illi ma kienet taf xejn x'tagħti d-dinja u li daħlet soru mad-Dumnikani fejn wara ħames snin ta' Novizzjat ħarġet mingħajr ma kienet taf xejn dwar il-ħajja; ma jistax ma jiġix osservat illi l-attriċi daħlet mas-sorijiet meta kellha l-eta' ta' tmintax-il sena u magħhom għamlet ħames snin li parti minnhom kienu wkoll ġewwa l-Amerika u l-Qorti tifhem illi ċertament hija ngħatat xi forma ta' edukazzjoni dwar il-ħajja u n-neċessitajiet tas-soċjeta' u ma kinitx għal kollox sajma minn dak li tagħti l-ħajja u x'kienu hekk imsejħin *facts of life*;

*Omissis*;

Illi fir-relazzjoni inizjali tal-konvenut, l-attriċi tgħid illi kien hemm biss l-inċident li fih hija ħarġet gravida, pero' l-konvenut jispjega illi r-relazzjonijiet tagħhom bdew jiżviluppaw ftit, ftit u meta wara xi xhur beda jkollhom ir-relazzjonijiet sesswali dan kien qiegħed jirrepeti ruħu madwar erba' darbiet fil-ġimgħa;

*Omissis*;

Illi l-attriċi ppruvat tagħti wkoll impressjoni illi kellha xi biża' kbir mill-ġenituri tagħha, pero' mir-riżultanzi proċesswali jidher illi xejn ma ddejqet li tkompli toħroġ mal-konvenut għalkemm hija stess stqarret illi l-ġenituri tagħha ma kinux qed jieħdu gost;

*Omissis*;

Illi dina kienet kawża illi sfortunatament fiha l-kontendenti ma ressqu ebda forma ta' provi u l-Qorti wara li eżaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-proċess u r-rapport peritali ħasset li kellha tinsisti li

jiġu mħarrkin almenu tlieta mill-aħwa ta' l-istess attriċi biex tkun ċerta jekk setgħetx takkolji s-suġġerimenti ta' l-abbli relatur;

*Omissis*;

Illi l-Qorti wara li fliet u reġgħet fliet l-atti kollha proċesswali u eżaminat ir-rapport peritali u n-noti sussegwenti u fid-dawl tax-xhieda illi ngħatat quddiemha fl-aħħar parti ta' dan il-proċess ma taqbilx illi kien hemm pressjoni familjari morali jew soċjali tant qawwija illi jista' jingħad illi affettwat negattivament il-kunsens mogħti mill-attriċi; ma tressqux provi illi juru illi hija fil-fatt kienet inqabdet f'xi nassa jew li kellha xi biża' kbir mingħand missierha jew li beżgħet mis-soċjeta'; dwar dan l-aħħar punt jiġi rrilevat li kieku l-attriċi verament beżgħet mis-soċjeta', kienet tħaffef iż-żwieġ tagħha mal-konvenut biex possibbilment in-nies ma jindunawx illi kienet diġa' inċinta qabel iż-żwieġ, mentri hija għażlet illi tibqa' tistenna u tiżżewweġ proprju ftit ġimgħat qabel it-twelid tat-tarbija, li ovvajment wera lil kulħadd li l-konċepiment tagħha sar ferm qabel iż-żwieġ;

Illi dan iż-żwieġ ġie ċċelebrat qabel ma daħlet in vigore l-leġislazzjoni tagħna dwar iż-żwieġ ta' l-1975 u l-Qorti tifhem illi l-attriċi m rnexxilhiex tipprova illi kien hemm l-elementi rikjesti fil-liġi kanonika biex żwieġ f'dawn iċ-ċirkostanzi jista' jiġi ddikjarat null;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi wara li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għar-raġunijiet mogħtija fir-rapport tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra ssollevati mill-konvenut u tiċħad it-talba attriċi;

L-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi.